MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 441/2010

**Francis Vella (ID 773553M)**

**Vs**

**Jason Vella**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ tmien t’elef u hames mitt Ewro (€8,500) rapprezentanti l-import ta’ zewg (2) ‘cheques’ (kopji taghhom annessi mar-rikors u markati bl-ittra ‘A’ u ‘B’, liema ‘cheques’ meta gew prezentati sabiex jissarfu mir-rikorrenti, dawn baqghu ma gewx imsarfin minhabba li gew ‘referred to drawer’.

Bl-imghax mill-prezentata ta’ dan l-avviz u bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti a fol 2 u fol 3 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Wara li rat in-nota tal-istess attur, presentanta waqt is-seduta tallum stess u li biha rriduca t-talba attrici b'€2,000 stante pagament akkont fil-mori ta' din il-kawza.

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-1 ta' Dicembru 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' €6,500 bl-imghax legali mill-25 ta' Ottubru 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------